

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 244/2010

tat-23 ta' Marzu 2010

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-Istandard Internazzjonali ta' Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) 2

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008⁽²⁾ ġew adottati ċerti standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2008.
- (2) Fit-18 ta' Ġunju 2009, il-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB) ippubblika l-Emendi għall-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju (IFRS) 2 Pagament Ibbażat fuq l-Ishma, minn hawn 'il quddiem "l-emendi għall-IFRS 2". L-emenda għall-IFRS 2 tipprovdi kjarifika fuq it-trattament tal-kontabilità tat-tranżazzjonijiet ibbażati fuq l-ishma fejn il-fornitur ta' oġġetti jew servizzi jitħallas bi flus u l-obbligu jiġġarrab minn entità oħra tal-grupp (tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-ishma ta' grupp issaldati bi flus).
- (3) Il-konsultazzjoni mal-Grupp Tekniku ta' Esperti (TEG) tal-Grupp Konsultattiv Ewropew dwar ir-Rappurtaġġ Finanzjarju (EFRAG) tikkonferma li l-emenda għall-IFRS 2 tissodisfa il-kriterji tekniċi għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002. F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/505/KE tal-14 ta' Lulju 2006 li tistabbilixxi Grupp ta' Reviżjoni tal-Konsulenza dwar Normi (Grupp Konsultattiv dwar ir-Reviżjoni tal-Istandards) biex jagħti parir lill-Kummissjoni dwar l-oġġettività u n-newtralità tal-opinjoni tal-

Grupp Konsultattiv Ewropew dwar ir-Rappurtaġġ Finanzjarju (EFRAG)⁽³⁾, il-Grupp Konsultattiv dwar ir-Reviżjoni tal-Istandards qies l-opinjoni tal-EFRAG dwar l-adozzjoni u ta parir lill-Kummissjoni li din hija bbilanċata kif xieraq u oġġettiva.

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1126/2008 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju dwar il-Kontabilità,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 għandu jiġi emendat kif ġej:

- (1) L-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju 2 Pagament Ibbażat fuq l-Ishma għandu jiġi emendat skont l-Emendi għall-Istandard Internazzjonali tar-Rappurtaġġ Finanzjarju IFRS 2 Pagament Ibbażat fuq l-Ishma, kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament;
- (2) L-Interpretazzjoni 8 tal-Kumitat għall-Interpretazzjoni tar-Rappurtaġġ Finanzjarju Internazzjonali (IFRIC) u l-Interpretazzjoni 11 tal-IFRIC għandhom jitħassru.

Artikolu 2

Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi, kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament, mhux aktar tard, mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħha li tibda wara l-31 ta' Diċembru 2009.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2010.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

(1) ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1.

(2) ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1.

(3) ĠU L 199, 21.7.2006, p. 33.

ANNEX

STANDARDS INTERNAZZJONALI TAL-KONTABILITÀ

IFRS 2	Emendi għall-IFRS 2 Pagament ibbażat fuq l-Ishma
--------	--

Emendi għall-IFRS 2 Pagament ibbażat fuq l-Ishma

AMBITU

Il-paragrafu 2 huwa emendat u jitħassar il-paragrafu 3 u jiddaħħal il-paragrafu 3A.

2 Entità għandha tapplika dan l-IFRS fil-kontabilità tat-tranżazzjonijiet kollha ta' pagament ibbażat fuq l-ishma, irrispettivament minn jekk l-entità tkunx tista' tidentifika speċifikament l-oġġetti u s-servizzi riċevuti kollha jew uħud minnhom, inklużi:

- (a) tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-ishma ssaldati b'ekwità,
- (b) tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-ishma ssaldati bi flus, u
- (c) tranżazzjonijiet li fihom l-entità tirċievi jew takkwista oġġetti jew servizzi u fejn it-t-termini tal-arranġament jipprovdu jew lill-entità jew lill-fornitur ta' dawk l-oġġetti jew servizzi b'għażla dwar jekk l-entità ssaldax it-tranżazzjoni bi flus (jew assi oħra) jew billi toħroġ strumenti azzjonarji,

ħliet kif innutat fil-paragrafi 3A–6. Fin-nuqqas ta' oġġetti jew servizzi speċifikament identifikabbli, ċirkostanzi oħra jistgħu jindikaw li jkun għew (jew se jkun) riċevuti oġġetti jew servizzi, u f'dak il-każ japplika dan l-IFRS.

3 [Imħassar]

3A Tranżazzjoni ta' pagament ibbażat fuq l-ishma tista' tissalda minn entità ta' grupp oħra (jew azzjonist ta' kwalunkwe entità ta' grupp) f'isem l-entità riċeventi jew akkwirenti tal-oġġetti jew servizzi. Il-paragrafu 2 japplika wkoll għal entità li

- (a) tirċievi oġġetti jew servizzi meta entità oħra fl-istess grupp (jew azzjonist ta' kwalunkwe entità ta' grupp) ikollha l-obbligu li ssalda t-tranżazzjoni ta' pagament ibbażat fuq l-ishma, jew
- (b) ikollha obbligu li ssalda tranżazzjoni ta' pagament ibbażat fuq l-ishma meta entità oħra fl-istess grupp tirċievi l-oġġetti jew servizzi

sakemm it-tranżazzjoni ma tkunx ċarament għal fini ieħor għajr il-pagament ta' oġġetti jew servizzi furnuti lill-entità li tirċivihom.

TRANŻAZZJONIJET TA' PAGAMENT IBBAŻAT FUQ L-ISHMA SSALDATI B'EKWITÀ

Jiddaħħal il-paragrafu 13A kif ġej.

Ħarsa ġenerali

13A B'mod partikolari, jekk il-korrispettiv identifikabbli riċevut (jekk ikun hemm) mill-entità jkun jidher li hu anqas mill-valur ġust tal-istrumenti azzjonarji mogħtija, jew mill-obbligi meħuda, sitwazzjoni bħal din tipikament tkun tindika li jkun ġie riċevut (jew se jkun riċevut) ħlas ieħor (jiġifieri oġġetti jew servizzi mhux identifikabbli). L-entità għandha tkejjel l-oġġetti jew is-servizzi identifikabbli riċevuti skont dan l-IFRS. L-entità għandha tkejjel l-oġġetti jew is-servizzi mhux identifikabbli riċevuti (jew li għad jiġu riċevuti) bħala d-differenza bejn il-valur ġust tal-pagament ibbażat fuq l-ishma u l-valur ġust ta' kull prodott jew servizz identifikabbli riċevuti (jew li għad iridu jiġu riċevuti). L-entità għandha tkejjel l-oġġetti jew is-servizzi mhux identifikabbli riċevuti fid-data tal-għotja. Madankollu, għal tranżazzjonijiet issaldati bi flus, l-obbligazzjoni għandha titkejjel mill-ġdid fi tmiem kull perijodu bażi ta' rappurtar, sakemm tissalda skont il-paragrafi 30-33.

Tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-ishma fost entitajiet fi grupp

Wara l-paragrafu 43, jiddaħħlu intestatura u l-paragrafi 43A-43D.

TRANŻAZZJONIJET TA' PAGAMENT IBBAŻAT FUQ L-ISHMA FOST ENTITAJIET FI GRUPP (L-EMENDI TAL-2009)

43A Għal tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-ishma fost entitajiet fi gruppi, fir-rapporti finanzjarji separati jew individwali tagħha, entità li tkun qed tirċievi l-oġġetti jew servizzi għandha tkejjel l-oġġetti jew servizzi riċevuti bħala tranżazzjoni ta' pagament bbażata fuq l-ishma ssaldata b'ekwità jew issaldata bi flus billi tivvaluta:

(a) in-natura tal-għotjiet mogħtija, u

(b) id-drittijiet u l-obbligi tagħha stess.

L-ammont rikonoxxut mill-entità li tkun qed tirċievi oġġetti jew servizzi jista' jvarja mill-ammont rikonoxxut mill-grupp konsolidat jew minn entità oħra fil-grupp li tkun qed issalda t-tranżazzjoni ta' pagament ibbażata fuq l-ishma.

43B L-entità li tkun qed tirċievi l-oġġetti jew is-servizzi għandha tkejjel l-oġġetti u s-servizzi bħala tranżazzjoni ta' pagament ibbażata fuq l-ishma ssaldata b'ekwità meta:

(a) l-għotjiet mogħtija jkunu strumenti ta' ekwità proprja tagħha, jew

(b) l-entità ma jkollha ebda obbligu li ssalda tranżazzjoni ta' pagament ibbażat fuq l-ishma.

L-entità għandha sussegwentement tkejjel mill-ġdid tali tranżazzjoni ta' pagament ibbażata fuq l-ishma ssaldata b'ekwità biss fejn jirrigwarda bidliet fil-kundizzjonijiet mhux tas-suq ta' vestiment skont il-paragrafi 19-21. Fiċ-ċirkostanzi l-oħra kollha, l-entità li tkun qed tirċievi l-oġġetti jew is-servizzi għandha tkejjel l-oġġetti u s-servizzi riċevuti bħala tranżazzjoni ta' pagament ibbażata fuq l-ishma ssaldata bi flus.

43C L-entità li tkun qed issalda tranżazzjoni ta' pagament ibbażata fuq l-ishma meta entità oħra fil-grupp tirċievi l-oġġetti jew s-servizzi għandha tirrikonoxxi t-tranżazzjoni bħala tranżazzjoni ta' pagament ibbażata fuq l-ishma ssaldata b'ekwità biss fejn din tkun issaldata fl-istrumenti azzjonarji proprji tal-entità. Inkella, it-tranżazzjoni għandha tiġi rikonoxxuta bħala tranżazzjoni ta' pagament ibbażata fuq l-ishma ssaldata bi flus.

43D Xi tranżazzjonijiet ta' grupp jinvolvu arranġamenti ta' rimborż li jeħtieġ entità fi grupp tħallas entità oħra fil-grupp talli din tkun ipprovdiet pagamenti bbażati fuq l-ishma lill-fornituri ta' oġġetti jew servizzi. F'tali każijiet, l-entità li tirċievi l-oġġetti jew is-servizzi għandha takkonta għat-tranżazzjoni ta' pagament ibbażata fuq l-ishma skont il-paragrafu 43B irrispettivament mill-arranġamenti ta' rimborżi interni fil-grupp.

DATA EFFETTIVA

Jiddaħħlu l-paragrafu 63, intestatura u l-paragrafu 64.

63 Entità għandha tapplika l-emendi segwenti magħmula minn *Tranżazzjonijiet ta' Pagament Ibbażat fuq l-Ishma ta' Grupp Issaldata bi Flus* maħruġa f'Ġunju 2009 retrospettivament, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali fil-paragrafi 53-59, skont l-*IAS 8 Politiki ta' Kontabilità, Bidliet fl-Istimi ta' Kontabilità u Żbalji* għal perjodi annwali li jibdedu fl-1 ta' Jannar 2010 jew wara.

(a) l-emendi għall-paragrafu 2, it-tħassir tal-paragrafu 3 u ż-żieda tal-paragrafi 3A u 43A-43D u l-paragrafi B45, B47, B50, B54, B56-B58 u B60 fl-Appendiċi B fir-rigward tal-kontabilità tat-tranżazzjonijiet fost l-entitajiet fi grupp.

(b) id-definizzjonijiet riveduti fl-Appendiċi A tat-termini li ġejjin:

— tranżazzjoni ta' pagament ibbażat fuq l-ishma ssaldata bi flus,

— tranżazzjoni ta' pagament ibbażat fuq l-ishma ssaldata b'ekwità,

— arranġament ta' pagament ibbażat fuq l-ishma, u

— tranżazzjoni ta' pagament ibbażat fuq l-ishma.

Jekk l-informazzjoni neċessarja għall-applikazzjoni retrospettiva ma tkunx disponibbli, entità għandha turi fir-rapporti finanzjarji separati jew individwali tagħha l-ammonti li kienu rikonoxxuti preċedentement fir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-grupp. Applikazzjoni abkar hija permessa. Jekk entità tapplika dawn l-emendi għal perjodu li jibda qabel l-1 ta' Jannar 2010, għandha tiżvela dak il-fatt.

IRTIRAR TAL-INTERPRETAZZJONIJIET

64 *Tranżazzjonijiet ta' Pagament Ibbażat fuq l-Ishma ta' Grupp Issaldati bi Flus* maħruġ f'Ġunju 2009 jissostitwixxi l-IFRIC 8 *Ambitu tal-IFRS 2* u l-IFRIC 11 *IFRS 2-Tranżazzjonijiet fl-Ishma tal-Grupp u tat-Teżor*. L-emendi li saru minn dak id-dokumenti inkorpora r-rekwiżiti preċedenti stipulati fl-IFRIC 8 u l-IFRIC 11 kif ġej:

- (a) emenda l-paragrafu 2 u żied il-paragrafu 13A fir-rigward tal-kontabilità tat-tranżazzjonijiet li fihom l-entità ma tkunx tista' tidentifika speċifikament l-oġġetti jew is-servizzi kollha, jew uħud minnhom, li tkun irċeviet. Dawk ir-rekwiżiti kienu effettivi għal perjodi annwali li jibdew mill-1 ta' Mejju 2006 jew wara.
- (b) daħħal il-paragrafi B46, B48, B49, B51–B53, B55, B59 u B61 fl-Appendiċi B fir-rigward tal-kontabilità tat-tranżazzjonijiet fost entitajiet fi grupp. Dawk ir-rekwiżiti kienu effettivi għal perjodi annwali li jibdew mill-1 ta' Marzu 2007 jew wara.

Dawk ir-rekwiżiti ġew applikati retrospettivament skont ir-rekwiżiti tal-IAS 8, bħal ħsara għad-dispozzjonijiet tranżizzjonali tal-IFRS 2.

TERMINI MFISSRA

Fl-Appendiċi A, ġew emendati d-definizzjonijiet segwenti u ddaħħlet nota tal-qiegħ.

tranżazzjoni ta' pagament ibbażat fuq l-ishma ssaldata bi flus	Tranżazzjoni ta' pagament ibbażat fuq l-ishma li fiha, l-entità takkwista oġġetti jew servizzi billi tidħol f'obbligazzjoni biex tittrasferixxi flus jew assi oħra lill-fornitur ta' dawk l-oġġetti jew servizzi għal ammonti li huma bbażati fuq il-prezz (jew valur) tal- istrumenti azzjonarji (inkluż ishma jew opzjonijiet fuq l-ishma) tal-entità jew entità oħra fil-grupp.
tranżazzjoni ta' pagament ibbażat fuq l-ishma ssaldata b'ekwità	Tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-ishma fejn l-entità: (a) tirċievi oġġetti jew servizzi bħala korrispettiv għal strumenti azzjonarji tagħha stess (inklużi ishma jew opzjonijiet fuq l-ishma), jew (b) tirċievi oġġetti jew servizzi imma ma jkollha ebda obbligu li ssalda t-tranżazzjoni mal-fornitur.
arranġament ta' pagament ibbażat fuq l-ishma	Ftehim bejn l-entità (jew entità oħra fil-grupp ^(a)) jew kwalunkwe azzjonist ta' kwalunkwe entità fil-grupp) u parti oħra (inkluż impjegat) li jintitola l-parti l-oħra tirċievi (a) flus jew assi oħra tal-entità għal ammonti li huma bbażati fuq il-prezz (jew valur) tal- istrumenti azzjonarji (inkluż ishma jew opzjonijiet fuq l-ishma) tal-entità jew entità oħra fil-grupp, jew (b) strumenti azzjonarji (inkluż ishma jew opzjonijiet fuq l-ishma) tal-entità jew entità oħra fil-grupp, sakemm il- kundizzjonijiet ta' vestiment speċifikati, fejn applikabbli, ikunu ġew isso-disfati. ^(a) "Grupp" huwa ddefinit fil-paragrafu 4 tal-IAS 27 <i>Rapporti Finanzjarji Konsolidati u Separati</i> bħala "l-kumpanija prinċipali u s-sussidjarji kollha tagħha" mill-perspettiva tal-kumpanija prinċipali aħharja tal-entità li tkun qed tirrapporta.
tranżazzjoni ta' pagament ibbażat fuq l-ishma	Tranżazzjoni fejn l-entità: (a) tirċievi oġġetti jew servizzi mill-fornituri ta' dawk l-oġġetti jew servizzi (inkluż implegat) f' arranġament ta' pagament ibbażat fuq l-ishma , jew (b) iġġarrab obbligu li ssalda tranżazzjoni mal-fornitur f' arranġament ta' pagament ibbażat fuq l-ishma meta entità oħra fil-grupp tirċievi dawk l-oġġetti jew is-servizzi.

AMBITU TAL-IFRS 2

Fl-Appendiċi B *Gwida għall-applikazzjoni*, jiddaħħlu intestatura u l-paragrafi B45-B61.

Tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-ishma fost entitajiet fi grupp (l-emendi tal-2009)

B45 Il-paragrafi 43A-43C jindirizzaw il-kontabilità tat-tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-ishma fost entitajiet fi grupp fir-rapport finanzjarju separat jew individwali ta' kull entità. Il-paragrafi B46-B61 jiddiskutu kif jiġu applikati r-rekwiżiti fil-paragrafi 43A-43C. Kif innutat fil-paragrafu 43D, it-tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-ishma fost entitajiet ta' grupp jistgħu jsew jsew għal diversi raġunijiet skont il-fatti u ċ-ċirkostanzi. Għalhekk, din id-diskussjoni mhijiex eżawrjenti u tassumi li fejn entità tirċievi l-oġġetti jew is-servizzi ma jkollha ebda obbligu li ssalda t-tranżazzjoni, it-tranżazzjoni hija kontribuzzjoni ta' ekwità mill-kumpanija prinċipali favur is-sussidjarja, irrispettivament minn kwalunkwe arranġament ta' rimborżi interni fil-grupp.

B46 Minkejja d-diskussjoni ta' hawn taħt tiffoka fuq tiffoka fuq tranżazzjonijiet mal-impjegati, tapplika wkoll għal tranżazzjonijiet simili ta' pagament ibbażat fuq l-ishma ma' fornituri ta' oġġetti jew servizzi apparti l-impjegati. Arranġament bejn il-kumpanija prinċipali u sussidjarja tagħha jista' jeħtieġ lis-sussidjarja tħallas lill-prinċipali għall-provvediment tal-istrumenti azzjonarji lill-impjegati. Id-diskussjoni ta' hawn taħt ma tindirizzax kif għandhom jiġu rrapportati tali arranġamenti ta' pagamenti interni fil-grupp.

B47 Hemm erba' kwistjonijiet jokkorru spiss fi tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-ishma fost l-entitajiet fi grupp. Għall-konvenzjoni, l-eżempji ta' hawn taħt jitrattaw il-kwistjonijiet f'termini ta' kumpanija prinċipali u sussidjarja tagħha.

Arranġamenti ta' pagament ibbażat fuq l-ishma li jinvolvu l-istrumenti azzjonarji proprji tal-entità

B48 L-ewwel kwistjoni hija dwar jekk it-tranżazzjonijiet li ġejjin li jinvolvu l-istrumenti azzjonarji proprji ta' entità għandhomx jitqiesu bħala ssaldati b'ekwità jew issaldati bi flus skont ir-rekwiżiti ta' dan l-IFRS:

(a) entità tagħti lill-impjegati tagħha drittijiet għal strumenti azzjonarji (bħal opzjonijiet fuq l-ishma), u jew tagħżel jew tkun obbligata tixtri strumenti azzjonarji (jiġifieri ishma tat-teżor) mingħand terza persuna, biex taqdi l-obbligi lejn l-impjegati tagħha; kif ukoll

(b) l-impjegati ta' entità jingħataw drittijiet għal strumenti azzjonarji tal-istess entità (bħal opzjonijiet fuq l-ishma), jew mill-entità nnifisha jew mill-azzjonisti tagħha, u l-azzjonisti tal-entità jipprovdu l-istrumenti azzjonarji meħtieġa.

B49 Tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-ishma fejn entità tirċievi servizzi bħala korrispettiv għal strumenti azzjonarji proprji tagħha bħala ssaldati b'ekwità. Dan japplika irrispettivament jekk l-entità tagħżilx jew teħtieġx tixtri daww l-istrumenti azzjonarji mingħand ħaddieħor biex taqdi l-obbligi tagħha lejn l-impjegati tagħha skont l-arranġament ta' pagament ibbażat fuq l-ishma. Tapplika wkoll irrispettivament jekk:

(a) id-drittijiet tal-impjegat għall-istrumenti azzjonarji tal-entità jkunux ingħataw mill-entità nnifisha jew mill-azzjonist(i) tagħha; jew

(b) l-arranġament għall-pagament ibbażat fuq l-ishma jkunx issalda mill-entità nnifisha jew mill-azzjonist(i) tagħha.

B50 Jekk l-azzjonist ikollu obbligu li jsalda t-tranżazzjoni mal-impjegati tal-entità li fiha investa, hu jipprovdi l-istrumenti azzjonarji tal-entità li fiha investa u mhux tiegħu stess. Għalhekk, jekk l-entità li fiha investa tkun fl-istess grupp tal-azzjonist, skont il-paragrafu 43C, l-azzjonist għandu jkejjel l-obbligu tiegħu skont ir-rekwiżiti applikabbli għal tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-ishma fir-rapporti finanzjarji separati tal-azzjonist u daww applikabbli għat-tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-ishma ssaldati b'ekwità fir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-azzjonist.

Arranġamenti ta' pagament bbażat fuq l-ishma li jinvolvu strumenti azzjonarji tal-kumpanija prinċipali

B51 It-tieni kwistjoni hija dwar it-tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq ishma bejn żewġ entitajiet jew aktar fl-istess grupp li jinvolvu strument azzjonarji ta' entità oħra fil-grupp. Pereżempju, impjegati ta' sussidjarja jintgħataw drittijiet għal strumenti azzjonarji tal-prinċipali bħala korrispettiv għas-servizzi pprovduti lis-sussidjarja.

B52 Għalhekk, it-tieni kwistjoni tindirizza l-arranġamenti li ġejjin għall-pagament ibbażat fuq l-ishma:

- (a) kumpanija prinċipali taġhti drittijiet għall-istrumenti azzjonarji direttament lill-impjegati tas-sussidjarja tagħha: il-kumpanija prinċipali (mhux is-sussidjarja) hi fl-obbligu li tipprovdi lill-impjegati tas-sussidjarja l-istrumenti azzjonarji; kif ukoll
- (b) sussidjarja taġhti drittijiet għal strumenti azzjonarji tal-kumpanija prinċipali lill-impjegati tagħha: is-sussidjarja hi fl-obbligu li tipprovdi lill-impjegati tagħha l-istrumenti azzjonarji.

Kumpanija prinċipali taġhti drittijiet għall-istrumenti azzjonarji tagħha lill-impjegati tas-sussidjarja tagħha (il-paragrafu B 52(a))

B53 Is-sussidjarja ma għandhiex obbligu li tipprovdi l-istrumenti azzjonarji tal-prinċipali tagħha lill-impjegati tas-sussidjarja. Għalhekk, skont il-paragrafu 43B, is-sussidjarja għandha tkejjel is-servizzi riċevuti mill-impjegati skont ir-reqwiziti applikabbli għat-tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-ishma ssaldati b'ekwità, u tirrikonoxxi żieda korrispondenti fl-ekwità bħala kontribuzzjoni mill-kumpanija prinċipali.

B54 Il-kumpanija prinċipali għandha obbligu li ssalda t-tranżazzjoni mal-impjegati tas-sussidjarja billi tipprovdi l-istrumenti azzjonarji proprji tal-kumpanija prinċipali. Għalhekk, skont il-paragrafu 43C, il-kumpanija prinċipali għandha tkejjel l-obbligu tagħha skont ir-reqwiziti applikabbli għat-tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-ishma ssaldati b'ekwità.

Sussidjarja taġhti drittijiet għall-istrumenti azzjonarji tal-kumpanija prinċipali lill-impjegati tagħha (il-paragrafu B 52(b))

B55 Minħabba li l-entità ma tissodisfax l-ebda mill-kundizzjonijiet fil-paragrafu 43B, hi għandha tirrapporta t-tranżazzjonijiet mal-impjegati tagħha bħala ssaldati bi flus. Dan ir-reqwizit japplika irrispettivament minn kif is-sussidjarja tikseb l-istrumenti azzjonarji biex taqdi l-obbligi tagħha lejn l-impjegati tagħha.

Arranġamenti ta' pagament ibbażat fuq l-ishma li jinvolve pagamenti ssaldati bi flus lill-impjegati

B56 It-tielet kwistjoni hija dwar kif entità li tirċievi oġġetti jew servizzi mill-fornituri (inkluż l-impjegati) għandha tirrapporta l-arranġamenti bbażati fuq l-ishma li jkunu ssaldati bi flus meta l-entità nnifisha ma jkollha l-ebda obbligu tagħmel il-pagamenti meħtieġa lill-fornituri tagħha. Pereżempju, fl-arranġamenti li ġejjin fejn il-kumpanija prinċipali (mhux l-entità nnifisha) ikollha obbligu li tagħmel il-pagamenti fi flus meħtieġa lill-impjegati tal-entità.

- (a) l-impjegati tal-entità ser jirċievu pagamenti fi flus li jkunu marbuta mal-prezz tal-istrumenti azzjonarji tagħha.
- (b) l-impjegati tal-entità ser jirċievu pagamenti fi flus li jkunu marbuta mal-prezz tal-istrumenti azzjonarji tal-kumpanija prinċipali tagħha.

B57 Is-sussidjarja ma jkollha l-ebda obbligu li ssalda t-tranżazzjoni mal-impjegati tagħha. Għalhekk, is-sussidjarja għandha tirrapporta t-tranżazzjonijiet mal-impjegati tagħha bħala ssaldati b'ekwità, u jirrikonoxxi żieda korrispondenti fl-ekwità bħala kontribuzzjoni mill-kumpanija prinċipali tagħha. Is-sussidjarja sussegwentement għandha tkejjel mill-ġdid il-kost tat-tranżazzjoni minħabba kwalunkwe bidla li tirriżulta minn kundizzjonijiet mhux tas-suq ta' vestiment li ma jkunux ġew issodisfati skont il-paragrafi 19-21. Dan ikun differenti mill-kejl tat-tranżazzjoni li tkun issaldata bi flus fir-rapporti finanzjarji konsolidati tal-grupp.

B58 Minħabba li l-kumpanija prinċipali għandha obbligu li ssalda t-tranżazzjoni mal-impjegati, u l-korrispettiv fi flus, il-kumpanija prinċipali (u l-grupp konsolidat) għandha tkejjel l-obbligu tagħha skont ir-reqwiziti applikabbli għat-tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażat fuq l-ishma ssaldati bi flus fil-paragrafu 43C.

It-trasferiment ta' impjegati bejn l-entitajiet tal-grupp

B59 Ir-raba' kwistjoni hija dwar l-arranġamenti ta' pagament ibbażat fuq l-ishma li jinvolve impjegati minn aktar minn entità waħda fl-istess grupp. Pereżempju, kumpanija prinċipali tista' taġhti drittijiet għall-istrumenti azzjonarji tagħha lill-impjegati tas-sussidjarja tagħha, bil-kundizzjoni li mat-tmiem jtkompla jingħata s-servizz kontinwu lill-grupp għal perjodu speċifiku. Impjegat ta' sussidjarja jista' jittrasferixxi l-impjegat tiegħu ma' sussidjarja oħra tul il-perjodu speċifikat tal-assenjazzjoni mingħajr ma jittiefsu d-drittijiet tal-impjegat għall-istrumenti azzjonarji tal-kumpanija prinċipali skont l-arranġament oriġinali għal pagament ibbażat fuq l-ishma. Jekk is-sussidjarji ma jkollhom l-ebda obbligu jsaldaw it-tranżazzjoni ta' pagament ibbażat fuq l-ishma mal-impjegati tagħhom, huma jirrapportawha bħala tranżazzjoni ssaldata b'ekwità. Kull sussidjarja għandha tkejjel is-servizzi li rċievit mill-impjegat b'riferenza għall-valur ġust tal-istrumenti azzjonarji fid-data meta daww id-drittijiet għall-istrumenti azzjonarji kienu ngħataw oriġinarjament mill-kumpanija prinċipali kif stabbilit fl-Appendiċi A, u l-proporzjon tal-perjodu ta' vestiment li l-impjegat għamel ma' kull sussidjarja.

- B60 Jekk is-sussidjarja jkollha obbligu li ssalda t-tranżazzjoni mal-impjegati tagħha bi strumenti azzjonarji tal-kumpanija prinċipali tagħha, hi tirrapporta t-tranżazzjoni bħala ssaldati bi flus. Kull sussidjarja għandha tkejjel is-servizzi riċevuti abbażi tal-valur ġust fil-jum tal-ġhotja tal-istrumenti azzjonarji għall-proporzjon tal-perjodu ta' vestiment li l-impjegat ikun serva ma' kull sussidjarja. Barra minn hekk, kull sussidjarja għandha tirrikonoxxi kwalunkwe bidla fil-valur ġust tal-istrumenti azzjonarji matul il-perjodu tas-servizz tal-impjegat ma' kull sussidjarja.
- B61 Tali impjegat, wara t-trasferiment fost entitajiet fil-grupp, jista' jonqos milli jissodisfa l-kundizzjoni ta' vestiment għajr kundizzjoni tas-suq kif stabbilit fl-Appendiċi A, bħal fil-każ fejn l-impjegat jitlaq mill-grupp qabel ma jtemm il-perjodu tas-servizz. F'dan il-każ, minħabba li l-kundizzjoni ta' vestiment hija servizz lill-grupp, kull sussidjarja għandha taġġusta l-ammont rikonoxxut preċedentement fir-rigward tas-servizzi riċevuti mingħand l-impjegat skont il-prinċipji tal-paragrafu 19. Għaldaqstant, jekk id-drittijiet għall-istrumenti azzjonarji mogħtija mill-kumpanija prinċipali ma jkunux eżerċitabbli minħabba n-nuqqas tal-impjegat li jissodisfa xi kundizzjoni tal-vestiment għajr kundizzjoni tas-suq, l-ebda ammont, għas-servizzi mogħtija mill-impjegat, ma jiġi rikonoxxut fuq bażi kumulattiva fir-rapporti finanzjarji ta' kwalunkwe entità fil-grupp.
-